Studji Soċjali – L-Assedju l-Kbir

L-Ewwel Taħriġ. (7 marki)

Fl-istampa jidher il-Gran Mastru li mexxa 'l-Kavallieri u lill-Maltin matul l-Assedju l-Kbir. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.



X'kien jismu dan il-Granmastru?

_____

Min attakka lil Malta fl-Assedju?

_____

Semmi isem ta xi ħadd mill-għedewwa tal-Maltin.

_____

Semmi 2 fortifikazzjonijiet li kellhom il-Kavallieri u l-Maltin biex jiddefendu dawn il-gżejjer.

_____

_____

Immarka r-raġunijiet għaliex it-Torok sabuha iebsa biex jirbħu dan l-Assedju.

1) It-Torok ma kellhomx min imexxihom.
2) It-Torok bdew jibżgħu li x-xwieni tagħhom se jinqabdu fil-maltemp u għalhekk kellhom ġlieda kontra l-ħin.
3) Il-Kavallieri u l-Maltin kellhom aktar suldati mit-Torok.

4) It-Torok sabuha bi tqila biex isibu x'jieklu u x'jixorbu minħabba li l-Maltin qerdu dak li ma setgħux idaħħlu magħhom wara s-swar.

It-Tieni Taħriġ. (8 marki)

Hares sew lejn dawn l-istampi u wara wieġeb il-mistoqsijiet li jsegwu billi tagħżel ir-risposta t-tajba.



1) It-Torok attakkaw lill-Gżejjer Maltin fis-sena
   - 1530
   - 1565
   - 1600
   - 2000

2) Fi ***Stampa A*** jidher il-forti Sant'Iermu. Dan inbena fit-tarf
   - tal-peniżola Xiberras.
   - tal-Birgu.
   - tal-Isla.
   - tal-Marsa.

3) **Stampa B** turina l-Kastell Sant' Anġlu. Dan il-kastell kien jiddefendi prinċipalent
   - lill-Għolja Xiberras.
   - lill-Birgu.

- lill-Isla.
- lill-Marsa.

4) ***Stampa Ċ*** turina l-iskola primarja tal-Isla. Minflok din l-iskola, waqt l-Assedju l-Kbir kien hemm fortifikazzjoni importanti ħafna biex tiddefendi l-belt tal-Isla min-naħa tal-art. X'kien jisimha din il-fortifikazzjoni fit-tarf tal-Isla?

_____

5) Liema fortifkazzjoni ġiet attakkata l-ewwel fl-Assedju l-Kbir?

_____

6) F'liema port riedu jdaħħlu l-flotta tagħhom it-Torok? _____

7) X'titlu ingħata l-Birgu wara l-Assedju? _____

8) Ikteb l-isem tal-mexxej Tork li miet Malta waqt l-assedju. _____

<u>Ikteb veru jew falz. (5 marki)</u>

1. It-Torok għamlu l-kamp tagħhom il-Mosta. _____
2. It-Torok bdew l-attakk tagħhom fuq Sant'Iermu. _____
3. Wara, it-Torok attakkaw il-Birgu u l-fortizza ta' San Mikiel. _____
4. It-Torok rebħu l-fortizzi kollha. _____
5. It-Torok telqu minn Malta meta waslet l-għajnuna minn barra . _____